**19 ta' April, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Anthony Montanaro et.

*versus*

Michael Chetcuti

**Inġurja — Meeting — "Innuendo" — "Animus Injuriandi" — Konpensazzjoni.**

*Hu paċifikament riċevut illi l-inġurja, minbarra verbali u skritta' tista' tkun anki reali, ossija, kif sejħulha l-ġuristi tedeski, simbolika.*

*Hu ovvju illi anki trattandosi ta' inġurja reali, bħal fil-każ tal-inġurja verbali, anzi forsi aktar, wieħed għandu f'ndaga l-intenzjoni ta' min jagħmel il-ġest li jiġi ritenut mill-kwerelant bħala inġurjuż. U dan il-ġest għandu jiġi nterpretat u jittieħed li hu dak li jirriżulta mic-ċirkustanzi kollha tal-każ.*

*F'każ ta' kwerelant li jieħu parti f'meeting publiku, u li jikkwerela għax f'dak il-meeting il-kwerelat beda jxejjer u juri karti tal-lira, hemm ċertament karattru nġurjuż fl-att tal-kwerelat, jekk l-"innuendo" ta' dak l-att ikun illi dawk li tkellmu fil-meeting huma mixtrija jew imħallsa, u kwindi korrotti, għax ma humiex jesprimu l-opinjonijiet tagħhom sinċerament, imma għax imħallsin. Imma jekk jittieħed l-"innuendo" illi min xejjer u wera dawk l-flus ried ifisser li l-kap tal-partit avversarju għal min ikun jagħmel il-*

*meeting ġieb ħafna flus, allura ma hemmx l-"animus injurriandi", u kwindi ma hemmx inġurja.*

*Jekk ma hemmx inġurja minn parti waħda, ma jistgħax ikun hemm lok għal kompensazzjoni ta' inġurji.*

Il-Qorti:— Rat il-kwerela magħmula mill-kwerelanti Anthony Montanaro, Nutar Dottor Alexander Sceberras Trigona, LL.D., Joseph G. Vassallo, u Salvu Attard, talli fil-Mosta, fid-19 ta' Jannar 1958, filgħodu, waqt meeting publiku miżmum f'Church Square mill-Progressive Constitutional Party, il-kwerelat Michael Chetcuti nġurjahom;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tas-7 ta' Marzu 1958, li biha kkundannat lill-kwerelat għall-ammonizzjoni u riprensjoni għal kull waħda mill-kwereli, talli nġurja lil Anthony Montanaro, Nutar Dottor Sceberras Trigona, u Joseph G. Vassallo, u ddikjarat lill-kwerelat eżenti mill-piena rigward l-inġurja lill-kwerelant Attard minħabba kompensazzjoni; u ordnat li l-ispejjeż jitħallsu tliet kwarti mill-kwerelat u l-kwart l-ieħor mill-kwerelant Attard;

Rat ir-rikors tal-kwerelat, li bih dan appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata fil-parti tagħha kundannatorja, u li hu jiġi liberat għal kollox; bl-ispejjeż;

Rat ir-rikors tal-kwerelant Attard, li bih appella minn dik id-deċiżjoni, u talab li tiġi eskluża għar-rigward tiegħu l-kompensazzjoni tal-inġurja ritenuta mill-Ewwel Qorti, u li l-kwerelat jinsab ħati u jiġi kundannat anki għar-rigward ta' dan il-kwerelant, u li l-kwerelat jiġi kundannat iħallas l-ispejjeż "in toto";

Trattati ż-żewġ appelli;

Ikkunsidrat;

Il-kwerelanti jagħmlu l-inġurja, li biha huma jaddebitaw lill-kwerelat, tikkonsisti filli, fil-meeting tal-Progressive Constitutional Party, miżmum fil-Mosta fid-19 ta' Jannar

1958, il-kwerelat, flimkien ma' oħrajn li kienu fis-sezzjoni ostili tal-folla, kien qiegħed jgħolli u juri karti tal-lira;

Il-kwerelat ma nnegax dan il-fatt "ut sic", kif jidher mill-verbal fol. 12, kif lanqas innegaħ fix-xhieda tiegħu;

Hu paċifikament riċevut illi l-inġurja, minbarra verbali u skritta, tista' tkun anki reali, ossija, kif sejħulha l-ġuristi tedeski, simbolika (Carrara, Progr. Vol. III, para. 1736, paġ. 67). Jgħid dan l-awtur (nota 5, paġ. 85 ibidem):— "Così è indubitatamente reale la ingiuria fatta con un gesto nel quale si simboleggi un pensiero oltraggiante";

L-istess il-Frola, "Delle Ingiurie e Diffamazioni", p. 271, jgħid li huma ammissibbli anki "le ingiurie reali"; u jgħid:— "Così, un gesto, un urto, uno sputo, uno schiaffo, seguiti a scopo di offendere l'onore, costituiscono ingiuria . . . . . ";

L-istess ukoll fid-dottrina u ġurisprudenza ngliża. Jgħid Spencer Bower, "A Code of the Law of Actionable Defamation", p. 22:— "Slanderous matter may consist of either words spoken or sung, or any physical symbols, other than words spoken or sung, as acts, gestures, inarticulate sounds or ejaculations, and the like". U għalhekk jiddistingwi bejn "slander" li hu "verbal" u dak li hu "non verbal". Jiċċita mbgħad, in nota (paġ. 23), sentenza ta' Lord Ellenborough, S.J. Cook v. Cox (1814) 4 M. & S. 110, fejn dan isemmi " . . . . act or gesticulation, such as holding up an empty purse or the like as something which may constitute or give point to a slander";

Il-Gatley, Libel and Slander, p. 48, jirrileva wkoll illi "slander is defamation communicated by spoken words or in some other transitory form, whether audible or visible, such as significant sounds, looks, signs, or gestures" (p. 48);

Ikkunsdrat;

Issa, hu ovvju li, trattandosi ta' inġurja reali, kif fil-

każ ta' inġurja verbali, anzi forsi aktar, hu meħtieġ li wieħed jindaga l-intenzjoni ta' minn għamel il-ġest; għaliex, kif osserva l-Carrara (loc. ċit., paġ. 68):— "Bisogna che sia un atto nel quale si venga ad estrinsecare un pensiero offensivo all'onore altrui . . . . ";

Għalhekk, f'din l-indaġini ta' "*spectare animum*" wieħed għandu jeżamina l-kontest taċ-ċirkustanzi kollha u jinterpreta l-ġest skond dawk iċ-ċirkustanzi. Kien hemm xi żmien *meta kienet aċċettata t-teorija li l-Qrati għandhom, f'din il-materja, jiġġudikaw "in mitiori sensu". Imma din* it-teorija, kif jirrileva l-Gatley, loc. ċit; p. 122, u nota 2, ġiet skartata; u s-sens tal-kelma jew tal-ġest għandu jittieħed li hu dak li jirriżulta miċ-ċirkustanzi kollha tal-każ;

Issa, fil-fattispeċje, l-Ewwel Qorti akkoljiet il-"construction" ta' dak il-ġest magħmula *mill-kwerelanti*, fis-sens li l-"innuendo" tiegħu kien li l-kwerelanti huma mixtrijin jew imħallsin. Din l-interpretazzjoni tikkonduċi bla dubju għal *karattru nġurjuż* tal-ġest, għax timplika li l-kwerelatni *huma korrotti, b'mod li ma humiex qegħdin* jesprimu l-opinjonijiet tagħhom sinċerament, imma għax imħallsin;

Il-kwerelat, inveċe, fix-xhieda tiegħu qal:— "Fil-meeting nuru l-karti ta' £1, però bil-ħsieb li nuru li kemm ilu Prim Ministru Mintoff ġieb ħafna flus". B'din *l-ispjegazzjoni* li ta l-kwerelat, il-ġest ma hux inġurjuż; għaliex bih il-partitarji ta' Mintoff fil-meeting riedu jfissru lill-avversarji tal-*Prim Ministru, li* kienu qegħedin jagħmlu l-meeting, *il-fehma tagħhom li Mintoff kien ġieb ħafna flus;*

Hu kompitu ta' din il-Qorti, għalhekk, li taċċerta liema interpretazzjoni minn dawn it-tnejn tikkorrispondi għar-realtà fiċ-ċirkustanzi tal-każ in ispeċje;

Il-Qorti, wara li eżaminat bir-reqqa l-provi, waslet għall-konklużjoni li fil-kontest taċ-ċirkustanzi kollha l-interpretazzjoni li għandha tiġi aċċettata hi dik tal-kwerelat. Infatti:—

1. Il-kwerelat xehed (u l-Qorti ma għandhiex raġu-

nijiet biex ma temmnux), illi fost il-kritiki tal-Gvern li kienu qegħedin jagħmlu dawk li kienu qegħdin jitkellmu fil-meeting, kien hemm anki l-kritika li l-Prim Ministru kien qiegħed iberbaq il-flus;

2. Kien, għalhekk, spjegabbli illi, bħala risposta għal din il-kritika, il-partitarji tal-Prim Ministru jgħollu l-liri bil-ħsieb li jfissru l-fehma tagħhom li l-flus ma kienux qegħedin jitberbqu, imma kienu qegħedin javvantaġġjaw lill-poplu fis-sens li hu kien ġieb ħafna flus;

3. Ix-xhieda tal-Ispettur tal-Pulizija Anthony Curmi tikkonferma din l-interpretazzjoni; għax dan ix-xhud qal hekk:— "Naf li f'ċertu ħin kien hemm sezzjoni tal-oppożizzjoni li ħarġu l-karti tal-£1, u Chetcuti kien wieħed minnhom. Jiena smajthom jgħidu 'aħna liri qiegħed iġibilna', jew kliem simili";

4. Ma jirriżultax bl-ebda mod li ntqal xi kliem ieħor li minnu wieħed jista' jinterpreta l-ġest xort'oħra;

L-argument tal-Qorti tal-Ewwel Istanza li l-ġest kellu l-"innuendo" li tawh il-kwerelanti, għax il-kwerelat ma kienx soltu jgħolli karti tal-lira fil-meetings tal-Labour Party, ma hux affattu konvinċenti; għaliex, jekk is-sens tal-ġest kien li jestolli l-operat tal-Prim Ministru in oppożizzjoni għall-kritiki tal-organizzaturi tal meeting, li kienu avversarji tal-Prim Ministru, ma kienx ikun hemm sens jew lok li jsir dak il-ġest f'meeting tal-partit tal-istess Prim Ministru;

Minn dan li ngħad superjorment jiġi li, mentri l-appell tal-kwerelat jirnexxi, dak tal-kwerelant Attard ma hux ammissibbli; għaliex ebda kwistjoni ta' kompensazzjoni jew le ma jista' jkun hemm jekk ma kienx hemm inġurja da parti tal-kwerelat;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-appell tal-kwerelant Attard u tilqa' l-appell tal-kwerelat, billi tiddikjara, b'revoka tal-parti kundannatorja tas-sentenza appellata, u b'riforma tal-

bqija tagħha, lill-kwerelat mhux ħati tal-imputazzjoni ta' nġurja u tordna li jiġi liberat. L-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-kwerelanti. Onorarju tad-difensuri . . .